# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR.C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tal-14 ta' Frar, 2002.**

**Citazz. Nru: 21/01FS**

**Stephen Falzon**
**Vs**
**Registratur tal-Qrati, Avukat Generali u Gemma Falzon ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Stephen Falzon li bih ippremetta:

**RIKORS:**

Illi r-rikorrent kien issepara permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Carmelo Lia tat-3 ta' Ottubru, 1991 li kopja tieghu giet annessa bhala Dok "A" fejn *inter alia* kienu qablu li d-dar konjugali bl-isem ta' "Precious Stone", Triq in-Nevew, Haz-Zabbar bil-garage maghha tibqa' fil-pussess esklussiv tal-mara u li tista' taghmel uzu

minnha anke ghal skop ta’ kummerc. Din il-klawsola taccentwa illi l-uzu tad-dar mhux necessarjament thalliet ghal skopijiet residenzjali ghall-bzonnijiet tal-mara.

Illi wara li ghamlu dan il-kuntratt ta’ separazzjoni l-partijiet regghu marru jghixu flimkien u rrikonciljaw; gara pero` li z-zwieg ta' bejniethom rega’ tkisser u l-mara pprezentat citazzjoni ghas-separazzjoni personali *ex novo* Citaz. Nru. 610/93 FD fl-ismijiet "Gemma Falzon pro et noe - vs - Stephen Falzon" liema kawza giet deciza permezz ta' sentenza tas-6 ta' Marzu, 1998 fejn inter alia dik il-Qorti dwar id-dar fuq imsemmija fid-decisis iddisponiet b' dan il-mod "*.....li l-konvenut ghandu jirrilaxxa d-dar matrimonjali favur l-attrici esklussivament u dan bl-ghamara kollha li tinsab fiha......"*.

Illi r-rikorrent interpona appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li gie deciz fl-1 ta' Dicembru, 2000 billi l-istess appell principali gie michud mentri laqghet l-appell incidentali tal-mara safejn jirrigwarda ir-retta alimentarja tat-tifel minuri, illum maggorenni, u ghall-bqija cahdet l-imsemmi appell.

Illi jrid jigi sottomess mill-bidu nett illi l-imsemmi appell f' ebda parti minnu ma gie prospettat l-aggravju li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx mitluba mill-attrici bic-citazzjoni minnha pprezentata sabiex id-dar konjugali tigi assenjata lilha ad eskluzjoni tar-ragel pero` kien kostruwit fuq aggravji ohra li jirrigwardaw il-mertu.

Illi possibilment dan l-aggravju ma giex inserit peress illi dik il-parti tas-sentenza fejn semmiet ir-rilaxx tad-dar matrimonjali mill-konvenut favur l-attrici ciononostante inkorporata fid-*decisis* kellha aktar min-natura ta' dikjarazzjoni milli ta' xi ordni vinkolanti, tant illi l-konvenut la gie ordnat u lanqas ikundannat li jirrilaxxa din id-dar u wisq anqas ma gie stabilit zmien qasir u perentorju li fih ghandu jeffettwa tali rilaxx.

Illi wara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell l-attrici ottjeniet Mandat ta' Zgumbrament Numru 157/01 fl-ismijiet "Gemma Falzon pro et noe - vs - Stephen Falzon" li llum qieghed jigi ezegwit biex jigi zgumbrat mill-imsemmija dar ir-rikorrent flimkien mat-tlett uliedu li jabitaw fiha, u dan meta l-istess Gemma Falzon illum ghandha akkomodazzjoni sodisfacenti u meta l-istat tal-lum ilu indisturbat ghal diversi snin, u ma jidhirx li l-mara qatt ressqet xi lament biex tbiddlu.

Illi sussegwentement ghad-decizjoni tal-Appell ir-rikorrent ipprezenta rikors fil-Qorti ta' l-Appell ghar-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza a bazi tal-fatt illi tali decizjoni inghatat fuq talba li ma kinitx mitluba jew b' eccess ta' dak li kien mitlub, u cioe` a bazi tal-principji tal-*extra petitae* u *ultra petitae* bi ksur tal-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b' decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-13 ta' Lulju, 2001 dik il-Qorti cahdet it-talbiet kollha a bazi tas-segwenti ragunamenti - illi mhuwiex mehtieg li jkun hemm talba fic-citazzjoni dwar min ghandu jabita fid-

dar matrimonjali u li aktar minn hekk ma jidhirx li hu eskluz li l-Qorti tista' tiddetermina din il-materja anke fin-nuqqas ta' talba ta' din ix-xorta, u dan peress li skond dik il-Qorti il-ligi ma kinitx taghti diskrezzjoni lill-Qorti li ma tiddecidix dwar din il-materja jekk issirilha talba specifika minn xi wahda mill-partijiet pero` ma kienx eskluz li l-Qorti taghti provvediment f' dan ir-rigward nonostante li ma kienx hemm talba. Fl-umli fehma tar-rikorrent dan hu ragunament ghal kollox priv minn kull razzjonalita' legali u fil-verita' mhux biss kontradittorju kif minn dik il-Qorti ippostulat, pero` jmur ghal kollox kontra c-certezza li trid tistabilixxi l-ligi fl-applikazzjoni taghha tant illi l-artikolu 55 (A) (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ebda spazju ghal interpretazzjoni testwalment jiddisponi dan li gej: *"meta taghti sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha, <u>fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet,</u> tiddeciedi skond ic-cirkostanzi jekk xi parti minnhom ghandhiex toqghod fid-dar taz-zwieg."* Hija massima kardinali li memo debemus deduxit, ubi lex non voluit u l-interpretazzjoni tal-ligi hija biss accettata meta l-istess test tal-ligi jaghti lok ghal diversi interpretazzjonijiet, u meta ligi tkun miftuha ghal varjeta' ta' interpretazzjonijiet huwa principju accettat mill-Qrati taghna li l-interpretazzjoni ghandha tinghata bl-iktar mod restrittiv u favur id-debitur. F' dan il-kaz propju gara l-kuntrarju, biex ghalhekk il-Qrati arrogaw ghalihom pjan normattiv gdid ta' kif ghandu jigi regolat il-patrimonju matrimonjali bejn il-mizzewgin f' kaz ta' decizjoni ta' separazzjoni minghajr is-sanzjoni tal-ligi.

Illi ghalhekk, kif kellu jigi ppruvat u trattat fil-kors ta' din il-kawza, gew lezi b' mod l-aktar car id-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Harsien tad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-ewwel lok ta' Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni fejn subinciz (1) esplicitament jiddisponi dan li gej: *"Everyone has the right to respect for his private and family life, his home, and his correspondence"*, u kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fejn fost ohrajn jiddisponi s-segwenti: *"Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided by law and by the general principles of international law."*

Illi ghalhekk ir-rikorrent issottometta illi qed jinkisru rispettivament id-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Konvenzjoni.

Illi aktar minn hekk, huwa fatt cert u inkontestat illi una volta fic-citazzjoni promotrici taghha l-attrici f' ebda parti ta' dik ic-citazzjoni la waqt il-perkors tal-proceduri u lanqas qabel ma giet pronunzjata s-sentenza tas-6 ta' Marzu, 1998 ma talbet li l-imsemmija dar tigi assenjata lilha, aktar minn ovvju li hadd mill-partijiet ma ghaddielu minn mohhu li jressaq xhieda sa fejn jirrigwarda dak li jiddisponi l-artikolu 55 (A) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` dwar min ghandu jibqa' jabita fid-dar konjugali <u>wara</u> l-pronunzjament tas-sentenza.

Illi sinjifikanti ghall-ahjar apprezzament tal-kaz li lanqas waqt il-proceduri ma kien hemm l-icken accenn min-naha tal-mara li d-dar hi mehtiega ghall-bzonnijiet taghha, tant li lanqas irrikorriet ghar-rimedju li kellha disponibbli ghaliha taht l-Artikolu 46 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kellha kull opportunita', taghmel l-istess talba *pendente lite.*

Illi dan johloq xenarju probatorju fejn jidher bic-car li hadd mill-partijiet ma ghaddhielu minn mohhu jew hass necessita' li jressaq provi, u cioe` dwar min minnhom l-aktar kellu bzonn joqghod fid-dar taz-zwieg peress li kif diga gie spjegat f' dan ir-rikors, l-attrici m' ghamlet l-ebda talba f' dan is-sens.

Illi ghalhekk il-pregudizzju li sofra r-rikorrent fid-dawl ta' dan kollu kjarament kien frott tal-ksur tad-dritt fundamentali tieghu ta' smiegh xieraq kif sancit u mhares mill-Artikolu 39 (2) u kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament, u dan peress li huwa aktar minn ovvju fis-sitwazzjoni illi wiehed mill-principji kardinali tal-gustizzja naturali li jikkonducu ghal dak li huwa *fair hearing* u smiegh xieraq, u cioe` l-principju tal-*audi alteram partem* gie miksur a detriment tal-istess rikorrent.

Ghaldaqstant ir-rikorrent ghar-ragunijiet fuq imsemmija talab lil din il-Qorti tiddikjara li d-decizjoni tal-Qorti tal-Prim' Awla Qorti Civili Citaz. Nru. 610/93 FD fl-ismijiet "Gemma Falzon pro et noe - vs - Stephen Falzon" tas-6 ta' Marzu, 1998, u jekk okkorrendo jkun il-kaz

anke dik tal-Qorti tal-Appell, u kif ukoll dik ta' ritrattazzjoni fl-istess okkju u citazzjoni, jigu dikjarati li safejn jirrigwardaw dik il-parti li taghmel referenza fis-sens li d-dar konjugali ghandha tigi rilaxxata mir-rikorrent a favur tal-mara hija bi ksur tal-Artikoli 6, 8 u subartikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, u kif ukoll tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li allura m' ghandu jkollha ebda effett fil-ligi fil-konfront tal-istess rikorrent, u li dina l-Qorti qed tigi mitluba wkoll taghti dawk id-direttivi, ordnijiet xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, sabiex jigu mharsa d-drittijiet fundamentali tal-bniedem fuq imsemmija.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati li eccepixxa:

Kwantu indirizzat versu l-intimat Registratur tal-Qrati in rapprezentanza tal-qrati, hu m' ghandux tali rapprezentanza u ghalhekk mhux legittimu kontradittur.

Lanqas mhu legittimu kontradittur ghax m' ghandux interess li l-kawza tinklina lejn naha jew ohra bejn ir-rikorrenti u l-intimata Falzon, jekk ghandha nteress.

Dwar integrita' tal-gudizzju, dan huwa sodisfatt fl-intimat Avukat Generali skond il-ligi f' kawzi bhal din;

Fi kwalunkwe kaz hu jirrimetti ruhu ghal gudizzju.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-Avukat Generali li eccepixxa:

1. Illi ma jistax wiehed jintavola rikors kostituzzjonali wara li huwa stess ikun naqas li juza r-rimedji li ttih il-ligi ordinarja fi zmien opportun u ghalhekk m' hemm ebda ksur ta' l-Artikoli 6, 8, u 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

In-nuqqas ta' uzu ordinarju johrog ampjament car mir-rikors promotorju stess ghaliex fl-ewwel pagna l-ahhar paragrafu u pagna 2, l-ewwel paragrafu, jinghad:

"Illi jrid jigi sottomess mill-bidunett illi l-imsemmi appell ***f' ebda parti minnu ma gie prospetat l-aggravju li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx mitluba mill-attrici bic-citazzjoni minnha pprezentata sabiex id-dar konjugali tigi assenjata lilha ad eskluzjoni tar-ragel pero` kien kostruwit fuq aggravji ohra li jirrigwardaw il-mertu.***

***Illi possibilment dan l-aggravju ma giex inserit*** peress illi dik il-parti tas-sentenza fejn semmiet ir-rilaxx tad-dar matrimonjali mill-

konvenut favur l-attrici ciononostante inkorportata fic-decisis kellha aktar min-natura ta' dikjarazzjoni milli ta' xi ordni vinkolanti, tant li l-konvenut la gie ordnat u lanqas ikkundannat li jirrilaxxa d-dar u wisq anqas ma stabbiliet zmien qasir u perentorju li fih ghandu jaffettwa tali rilaxx."

**Dwar l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

2. Illi r-rikorrent zgur ma jistax jillamenta li ma kellux smigh xieraq ghaliex hu uza l-istadji kollha (inkluzi dawk ta' ritrattazzjoni) li tippermetti l-Ligi fil-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Apprezzament tal-fatti u interpretazzjoni tal-Ligi li ma joghgbux lir-rikorrent ma jfissrux li hu ma kellux smigh xieraq.

Oltre dan, mill-paragrafi hawn fuq riprodotti, jidher li ma sar ebda appell mid-decizjoni tal-Prim' Awla fejn qalet li...

"Il-konvenut ghandu jirilaxxa d-dar matrimonjali favur l-attrici esklussivament u dan bl-ghamara kollha li tinsab fiha….."

Jekk meta r-rikorrent intavola l-appell tieghu naqas li jirreferi ghal dan l-aggravju, ma jistax jargumenta li ma kellux smigh xieraq jekk hu stess ma gabx dan a konjizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

Illi dwar il-lament tar-rikorrent li l-Qorti interpretat hazin l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili – bir-rispett kollu jinghad, li kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni bl-ebda mod ma jipprospettaw xi revizjoni tad-decizjonijiet tal-Qrati Ordinarji fuq interpretazzjonijiet tal-Ligi. Fl-ordni guridiku taghna mkien ma tisemma' t-tielet istanza u lanqas il-Qorti Ewropea m' hija Qorti ohra t' Appell.

Illi l-Artikoli imsemmija huma merament ta' natura procedurali u mkien fir-rikors promotorju ma jissemma l-icken hjiel li l-proceduri stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma gewx segwiti. Per ezempju, ma jinghadx li l-Qorti ma kellhiex l-element ta' imparzjalita` jew li s-smiegh dam sejjer aktar milli wiehed huwa ragonevoli li jistenna. Xejn minn dan.

Illi meta wiehed jonqos li jsemmi l-aggravji tieghu fil-hin opportun, huwa jitlef id-dritt li imbghad iqajjem l-istess punt, punit fil-Qorti Kostituzzjonali. Dan huwa l-insenjament tal-Qorti taghna li ilu parti mil-kazistka sa mill-31 t' Awissu 1977 (Vincent Spiteri versus Onor. Prim Ministru) fejn intqal:

'Minflok ma pprova jwaqqaf il-guri u minflok ma appella skond ma ntqal aktar 'il fuq, ir-rikorrent ghazel li jipprezenta dan ir-rikors fid-19 ta' Novembru, 1976, tliet xhur u disat ijiem wara s-sentenza.

Ghalhekk hu car…… li r-rikorrent kellu rimedji legali ohrajn ordinarji li ma ezawriex u halla t-terminu ta' l-appell in via ordinarja jiskadi inutilment." (Pagni 559-560 Decizjonijiet Kostituzzjonali – Ghaqda Studenti tal-Ligi)

Dan l-insenjament imxiet mieghu l-Prim' Awla tal-Qorti Civili recentement (13 ta' Settembru, 2001) fir-rikors 737/2000 fl-ismijiet Francis Theuma versus Avukat Generali (Onor. Imhallef Patrick Vella) fejn qal:

"Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza, izda ma ressaq ebda aggravju dwar dan l-allegat strapp tal-procedura penali kif qed jaghmel issa quddiem din il-Qorti. Kull ma lmenta fir-rikors ta' l-appell kienet il-kontestazzjoni tieghu ghan-nomina ta' Dr. Abela Medici bhala espert indipendenti…….Ma semma xejn dwar l-inamissibilita` tal-fotokopji…..

Issa hu pacifiku li jekk tali aggravju ma tqajjimx fl-istadju opportun u ma' l-ewwel cans li kien disponibbli, bhal ma kien fl-istadju ta' l-appell, u dan bhala mezz jew rimedju ordinarju, ma jistax wara jressaq dan l-ilment ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti f' sede kostituzzjonali. Ma jistax issa r-rikorrent jigi quddiem din il-Qorti u jallega li ma kellux a fair trial, li kien hemm vjolazzjoni f' dan is-sens, u jibbaza dan l-ilment tieghu fuq xi haga gja ezistenti minn zmien qabel, kien konxju taghha, u li dwarha kellu rimedju opportun dak in-nhar, izda ma hadux. Din il-Qorti mhix xi Qorti tat-Tielet

Istanza u hu propju ghalhekk li ma tistax issa tiehu konjizzjoni ta' ilment li kien hemm kull opportunita` jitressaq qabel b' mezz jew rimedju ordinarju fl-istadju ta' l-appell."

**Dwar l-Artikolu 8 u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll.**

Illi lanqas dawn l-Artikoli ma nkisru stante li dawn l-Artikoli t-tnejn jipprospettaw fit-Tieni Parti taghhom l-enuncazzjoni maghmula fl-Ewwel Paragrafu. Dwar l-Artikolu 8, dan jghid li l-Interferenza tista' ssir sakemm din tkun saret skond il-Ligi u ghall-protezzjoni tad-Drittijiet ta' l-ohrajn. Ghalhekk m' hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu.

**Dwar l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll, it-tieni paragrafu tieghu jghid hekk:**

'The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a state to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."

Ma nahsibx li decizjonijiet dwar ir-rilaxxament tad-dar konjugali huwa xi haga li ssir Malta biss u li fil-bqija ta' l-Ewropa nstabu xi mezzi straordinarji biex tissolva l-problema meta l-hajja fiz-zwieg ma tibqax aktar possibbli. S' issa almenu l-kazistika Ewropeja ghadha qed tistenna lament ta' din ix-xorta.

**Konkluzjoni.**

Ghaldaqstant qed intalab li t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrieh.

Rat ir-risposta ta' l-intimata Gemma Falzon li eccepiet:

1. Qabel xejn hija tirrileva li r-rikors gie notifikat lilha fis-26 ta' Settembru 2001 billi thalla f' idejn ommha, u l-intimata Gemma Falzon gie f' idejha ftit qabel nofs in-nhar. Ghalhekk ma kienx possibbli li hija tikkomunika ma' l-avukat taghha, u tipprezenta r-risposta sas-26 ta' Settembru 2001 kif ordnat minn din il-Qorti.

2. Preliminarjament illi din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, peress illi r-rikorrenti kellha mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat minnha. L-ilmenti tar-rikorrent gejjin minn fatti li kienu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u jirrizultaw mis-sentenza taghha. Ghalhekk ir-rikorrent kellu kull opportunita` biex iressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Qorti ta' l-Appell fir-rikors ta' l-appell tieghu. Jekk illum hu jhoss li dan ma ghamlux, jahti wahdu u ma jistax illum jippretendi li bi skuza tad-drittijiet fondamentali johloq tribunal tat-tielet jew ir-raba' istanza.

3. Illi f' kull kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-intimata ma ghamlet xejn fil-kors tal-proceduri gudizzjarji bi ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

4. Inoltre s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili u dawk tal-Qorti ta' l-Appell, bl-ebda mod ma kisru d-drittijiet kostituzzjonali jew is-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tar-rikorrenti kif qed jigi allegat, u l-kawza intavolata minnhom hija manifestament bla bazi u vessatorja.

5. Inoltre fil-proceduri gudizzjarji msemmija ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ir-rikorrent kellu l-opportunita` shiha, kif ghamel, li jressaq il-provi kollha li dehrlu anke dwar il-kwistjoni tad-dar matrimonjali. Din kienet propju wahda mir-ragunijiet ghaliex il-kaz dam ghaddej quddiem l-ewwel Qorti. F' kull kaz, jekk deherlu li b' xi mod kien gie pregudikat jew sorpriz mid-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, kellu kull opportunita` wkoll, li jitlob li jressaq il-provi li kellu bzonn quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Effettivament pero`, dak in-nhar ma hassx li kellu jitlob li jressaq xi provi godda. Ebda talba f' dan is-sens ma saret minnu.

6. Anqas l-invokazzjoni ta' l-Artikolu 8 u tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja mir-rikorrenti ma ghandu bazi legali. Id-decizjonijiet tal-Qrati li minnhom qieghed jilmenta r-

rikorrent inghataw skond il-ligijiet tal-pajjiz u huma mehtiega f' socjeta` demokratika ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet tal-intimata u binha u skond l-istess dispozizzjonijiet legali.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-intimata talbet li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidrat

Illi bhala provi dwar il-fatti ma kienx hemm bzonn minhabba li l-punti sollevati huma kollha ta' natura legali u l-fatti jirrizultaw b'mod car mid-dokumenti esibiti [ u processi allegati ] kif ukoll kif imsemmija mill-partijiet b'mod leali hafna. Il-fatti gew sewwa esposti fir-rikors originali li spjega tajjeb dawn il-fatti u ma hemmx bzonn li jergghu jigu ripetuti.

Izda l-Qorti tixtieq tikkwota l-paragrafi 1 sa 5 tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-intimata Gemma Falzon tal-4 ta' Dicembru, 2001 li tinsab a fol 34 u 35 tal-process minhabba li titfa' aktar dawl dwar xi aspetti:

1. L-esponenti tixtieq tippreciza xi punti dwar il-fatti tal-kaz kif esposti mir-rikorrent. Hija taqbel mal-ewwel paragrafu tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu. L-esponenti kienet inghatat il-*pussess esklussiv* tad-dar matrimonjali mir-rikorrent innifsu bhala parti mill-ftehim kontrattwali dwar is-separazzjoni. Dan sar bil-permess tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Konsegwentement ir-rikorrent kien liberament obbliga ruhu **kontrattwalment** li johrog mid-dar matrimonjali.

2. L-esponenti taqbel ukoll li f' xi zmien kien hemm **minn naha ta' l-esponenti** tentattiv ghal rikonciljazzjoni. Qed jinghad dan ghaliex wara rrizulta li minn naha tar-rikorrent ma kien inbidel xejn u anke baqa' jiffrekwenta mara ohra u sussegwentement lill-mara li llum jghix maghha u ghandu tfal minnha. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha ta' l-1 ta' Dicembru 2000, "*esperimenti ta' rikonciljazzjoni fl-isfond ta' adulterju jew relazzjonijiet ma' terzi, kif jidher mill-atti li kien il-kaz taht ezami da parti ta' l-appellant* [ir-rikorrent odjern] *bl-ebda mod ma jista' jigi konsidrat bhala li l-konjugi 'marru flimkien'.*" Il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li ma kienx hemm rikonciljazzjoni rejali ai termini tal-ligi.

3. Inoltre mhux veru li l-kuntratt ta' separazzjoni gie xolt konsegwenza ta' rikonciljazzjoni. Ma sar ebda att pubbliku biex ihassar l-effetti tal-kuntratt tas-separazzjoni, u kien ghalhekk li l-Qorti ta' l-Appell qablet mal-Prim' Awla tal-Qorti Civili u

ddikjarat li "*dak li gie bejn il-kontendenti miftiehem u kontrattat, kien ghadu jorbothom u ma gie bl-ebda mod affettwat mir-rikonciljazzjoni rejali jew apparenti li sehhet.*"

4. Kien f' dan l-isfond li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-6 ta' Marzu 1998 kienet ikkundannat lir-rikorrent odjern biex *"jirrilaxxa d-dar matrimonjali favur l-attrici esklussivament".*

5. Ir-rikorrent odjern kien appella minn din id-decizjoni u fl-appell kopjuz tieghu (b' kollox 41 pagna) kien ittratta fit-tieni aggravju tieghu propju l-kwistjoni tad-dar matrimonjali u d-decizjoni tal-Qorti li din kienet giet assenjata lill-esponenti bil-kuntratt tat-3 ta' Ottubru 1991. Dan l-aggravju gie trattat u respint mill-Qorti ta' l-Appell.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Il-Qorti sejra tezamina zewg eccezzjonijiet li ghalkemm differenti ghandhom hafna aspetti komuni. Ghalhekk hu opportun li jigu ezaminati flimkien ghalkemm il-konkluzzjonijiet huma differenti. Dawn l-eccezzjonijiet huma:

***[1] Il-proviso tal-artikolu 46(2) li permezz tieghu l-Qorti tista' tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju kienu disponibbli.***

***[2] Wiehed ma jistax jiftah kawza kostituzzjonali meta fl-iter tal-kawza originali jkun naqas li juzgha r-rimedji li taghtih l-ligi ordinarja; din il-Qorti mhix Qorti tat-tielet istanza;***

L-ewwel aspett gie eccepit mill-intimata Gemma Falzon, u t-tieni mill-Avukat Generali.

Fil-fehma tal-Qorti f'din il-kawza ghandu importanza kbira il-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

Fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni nsibu l-proviso li jghid:
"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et insibu:
"Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-

rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim'Awla"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:

"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.

(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.

(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent

(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.

(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet "Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru" deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qort Kostituzzjonali qalet:

"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz

jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet "Paul Makay vs Kummissarju tal-Pulizija" u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet "Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru."

Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta'; izda minn-naha l-ohra il-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-

Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m’ghandiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero’ se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. “Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezzjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Issa jirrizulta car minn ezami tal-processi annessi li l-imsemmi appell f' ebda parti minnu ma gie prospettat l-aggravju li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx mitluba mill-attrici bic-citazzjoni minnha pprezentata sabiex id-dar konjugali tigi assenjata lilha ad eskluzjoni tar-ragel pero` kien kostruwit fuq aggravji ohra li jirrigwardaw il-mertu.

Ghalhekk r-rikors kostituzzjonali odjern jigi insostenibbli u ma jista' jkun hemm ebda ksur ta' l-Artikoli 6, 8, u 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrent kellu smiegh xieraq quddiem il-Prim'Awla, Qorti tal-Appell, u anke kellu l-opportunita' tar-ritrattazzjoni. Kif qalet l-intimata fir-risposta taghha "L-ilmenti tar-rikorrent gejjin minn fatti li kienu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u jirrizultaw mis-sentenza taghha. Ghalhekk ir-rikorrent kellu kull opportunita` biex iressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Qorti ta' l-Appell fir-rikors ta' l-appell tieghu. Jekk illum hu jhoss li dan ma ghamlux, jahti wahdu u ma jistax illum jippretendi li bi skuza tad-drittijiet fundamentali johloq tribunal tat-tielet jew ir-raba' istanza."

Dwar l-aspett l-iehor sollevat mill-Avukat Generali li wiehed ma jistax jintavola rikors kostituzzjonali wara li huwa stess ikun naqas li juza r-rimedji li ttih il-ligi ordinarja fi zmien opportun u konsegwentement ma jista' jkun hemm ebda ksur ta' l-Artikoli 6, 8, u 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-partijiet jaqblu li fl-imsemmi appell f' ebda parti minnu ma gie prospettat l-aggravju li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx mitluba mill-attrici bic-citazzjoni minnha pprezentata sabiex id-dar konjugali tigi assenjata lilha ad eskluzjoni tar-ragel pero` kien kostruwit fuq aggravji ohra li jirrigwardaw il-mertu.

L-Avukat Generali kemm fil-verbal tieghu tat-28 ta' Settembru, 2001 kif ukoll fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu prezentata fis-27 ta' Novembru, 2001 sostna li ma kienx qieghed jistiden lill-Qorti milli tiddeklina l-gurisdizzjoni taghha, izda kien qieghed jibbaza fuq li wiehed ma jistax jiftah kawza kostituzzjonali meta fl-iter tal-kawza originali jkun naqas li juza rimedji li taghtih il-ligi ordinarja u sekondarjament li imkien ma hemm prevista Qorti tat-tielet istanza. Infatti sostna li l-eccezzjoni hija fis-sens li l-Qorti issa ma tista' taghmel xejn aktar la ma intuzax il-mezz ordinarju. Ragunar li l-Qorti taqbel mieghu ghax infatti imkien ma hemm provdut ghal Qorti tat-tielet istanza. Ma jistax ir-rikorrent jippretendi li bi skuza tad-drittijiet fundamentali johloq Qorti tat-Tielet [jew possibbilment raba'] istanza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-intimata Gemma Falzon u tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni peress li sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur r-rikorrent. Fl-istess hin tilqa' wkoll l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali. Dan qieghed jinghad mhux ghax hemm bzonn ta' pronunzjament dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali meta gja giet milqugha l-eccezzjoni tal-intimata ghax naturalment din twaqqaf il-kawza, izda peress li l-aspetti taz-zewg eccezzjonijiet kienu vicini u ezami ta' wahda wasslet ghall-ezami ta' l-ohra, kien opportun li jigu ezaminati flimkien, u ghalhekk kien opportun li una volta ezaminati, l-Qorti tippronunzja ruhha fuq it-tnejn.

Spejjez kontra r-rikorrent.